**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 15 ta' Settembru 2023

Każ Numru: 3409/2023

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Kevin Attard u Josman Mifsud**

(detenturi tal-karta tal-identità bin-numru 468879M u 68198M rispettivament)

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati, Kevin Attard ta' 43 sena', iben Vincent u Mary nee' Debono imwieled Pieta', data tat-twelid 27 ta' Settembru 1979, u li joqgħod 65, Arzella, Triq Ħall Ġwann, Żejtun, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 468879M, u Josman Mifsud ta' 25 sena iben Emmanuel u Josette nee' Camilleri imwieled Pietà, data tat-twelid 11 ta' Frar 1998 u li joqgħod 10, Merħba, Triq il-Ġebbieda, Qormi, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 68198M cioé:

*1. Fuq talba ta' l-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġu akkużati talli fil-kapaċita tagħkom personali u/jew bħala diretturi ta' Attperform Limited u persuni li tħaddmu fis-sit sitwat fi Triq it-Tumbarellu, Għaxaq talli nhar id-9 ta' Lulju 2020 matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta'qabel inqastu milli tħarsu is-saħħa u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoġħol u dan ai terrnini ta' artikoli 6 (1)(2) ta' Att 27/2000 Kap. 424.*

*2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li qed tagħmel xogħol fis-sit hawn fuq imsemmi inqast li tieħu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x' jaqsam mas-saħħa u sigurtà u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' l-Art. 10 ta' A.L. 88/2018.*

*3. Akkużati wkoll li fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza u/jew fix-xhur ta' qabel inqastu bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tagħmlu jew li tiżguraw li ssir evalwazzjoni xierqa suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji li jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).*

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Dan il-każ jirrigwarda spezzjoni li saret minn membri tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq it-Tombarell, Hal Għaxaq u dan wara li seħħ

inċident fejn weġġa ħaddiem li ġie rikoverat l-isptar Mater Dei, u l-azzjoni li ttieħdet sussegwentement. Mill-ewwel jingħad li l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati ma jinkwadrawx speċifikatament l-inċident li seħħ iżda s-sit imsemmi.

In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Norbert Ciappara** xehed bħala uffiċjal tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol li fid-9 ta' Lulju 2020 kienu ċemplulu l-Pulizija taż-Żejtun u infurmawħ illi kien seħħ inċident ġewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq it-Tombarell, Hal Għaxaq. Huwa kien mar fuq il-post flimkien ma kollega tiegħu li Elizabeth Sharon Saliba, dak iż-żmien Vassallo, u kienu għamlu spezzjoni tas-sit, li ,skont hu kien imdaqqas. Huwa kien kellem lil Josman Mifsud li kien qallu li huwa wieħed mid-diretturi ta' Att Perform Limited, u dan kien infurmah illi weġġa' ħaddiem minn tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Huwa kien tah id-dettalji ta' kif dan il-ħaddiem weġġa'. Ix-xhud kien ikkonstata li fis-sit, f'xi postijiet, kellha tiżdied il-*'mid rail'* bħala protezzjoni u kien indika fuq ir-ritratti li kien ippreżenta dawn il-postijiet. Sussegwentement huwa kien tkellem ma' Carlo Bartolo detentur tal-karta tal-identità 314870M fejn dan kien qallu li kien jaħdem *part time* mal-kumpanija Att Perform, bħala lavrant. Dan kien spjega lix-xhud kif kien sar l-inċident. Ix-xhud kien tkellem ukoll aktar minn darba ma' Josman Mifsud u Kevin Attard u dejjem ingħatalhom id-drittijiet tagħhom. Ix-xhud kien ukoll bagħat xi korrispondenza lid-diretturi ta' Att Perform Limited fejn infurmhum li x-xogħolijiet kellhom jieqfu temporanjament sakemm isiru l-investigazzjonijiet u talabhom xi dokumentazzjoni fosthom, prova li sar risk assessment tax-xogħol li kien qiegħed jingħata lill-ħaddiema fuq dak is-sit, x' kompetenza kellu Carmelo Bartolo biex jaħdem fuq is-sit, u *records* ta' taħriġ fil-*health and safety*, kompetenza jew *training* li ingħata Carmelo Bartolo. Ix-xhud jgħid li l-imputati kienu stqarru miegħu li ma kienx sar risk assessment. Huma kienu infurmawh li kienu jħaddmu madwar ħmistax il-ruħ u f'dak is-sit huma kienu hemm bħala kuntratturi u mhux bħala sid. Fuq mistoqsijiet mil-Qorti, u meta muri r-ritratti li kien esebixxa hu stess, ix-xhud jgħid li l-ilqugħ li kien hemm ma kienx idoneju biex iżomm persuni mill jaqgħu mill-għoli. In kontroeżami ix-xhud jgħid li ma kellimx lis-sid u ma rax kuntratt tax-xogħol, però tkellem mas-*supervisor* Aldo Busuttil.

2. **Louis Buhagiar** in rappreżentanza tal-Aġenzija Jobs Plus xehed u ppreżenta l-*employment history* ta' Kevin Attard, Carlo Bartolo u Josman Mifsud.

3. **Il-Prokuratur Legali Quenten Tanti** xehed in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u ippreżenta dokumentazzjoni u kkonferma li l-imputati kienu diretturi tal-kumpanija Att Preform Ltd. C74461.

4. **Carlo Bartolo** xehed li xi sentejn, tlieta ilu kien qed jaħdem f'sit ta' kostruzzjoni f'Hal Għaxaq għal tnejn minn nies, li x' xhud għaraf bħala l-imputati fl-awla, weġġa u ittieħed l-isptar. Huwa jgħid li kien ilu jaħdem hemmhekk *part time* xi sena, u kien jirrispondi lill-formen ċerta Simon.

5. **Aldo Busuttil** xehed li fl-2020 kien direttur tal-kumpanija AME *Health and Safety* Services. Din il-kumpanija kienet inkarigata għal Project *supervision* għas-sit f'Ħal Għaxaq. Huwa kien mar xi darba fuq is-sit personalment imma imbagħad kien jibgħat *inspectors* tagħhom u kien iżomm kuntatt mal-klijent. Meta muri Dokument DS2 a fol. 8 et. seq. Huwa jgħid li l-klijent kienet il-kumpanija Ta' Dernis u l-*inspection* saret minn Wayne Carter. Jikkonferma li bħala proċedura meta l-ispettur tagħhom jsibu xi nuqqasijiet jiġbed l-attenzjoni tal-klijent u joħroġ 'stop order ... stop works' fuq iż-żona partikolari. In kontroeżami ix-xhud jgħid li l-klijent kien wieħed abbitwali u jsibuħ bħala Ta' Dernis imma fl-isnspection jista jkun li imniżżel bħala TN Finishings. Huwa jgħid li ma jiftakarx id-dettalji dwar meta ġiet sottomessa n-notifika lill-Awtorita u li peress li m'għadux involut mal-kumpanija m'għandux aċċess għad-dokumenti, biss skont hu mir-ritratti dan kien fil-fażi inizjali.

6. **L-ispettur Keith Caruana Darmanin** ta ix-xhieda tiegħu permezz ta' affidavit fejn qal li l-Pulizija fl-għassa taż-Żejtun kienet irċeviet rapport li kien waqa ċint fuq persuna fi Triq it-Tumbarellu. Il-Pulizija kienet marret fuq il-post fejn ġiet infurmata li l-persuna li involuta fl-inċident ċertu Carlo kien ittieħed l-isptar. Hemmhekk il-Pulizija kienet kellmet lill-intimat Josman Mifsud li spegalhom kif kien sar l-inċident. Sussegwentement fl-14 ta' Lulju 2020 Carlo Bartolo KI 324870M kien irrikorra l-għassa u ppreżenta ċertifikat mediku dwar il-ġrieħi li huwa kien ġarrab.

7. **Wayne Carter** xehed bil-lingwa Ingliża li huwa kien impjegat ma AME Health and Services u fl' 14 ta' Lulju 2020 kien kiteb r-rapport a fol. 70 et. seq. tal-proċess wara spezzjonijiet fuq is-sit. Huwa qal li huwa kien imur fuq il-post u jekk isib xi ħaġa ħażina hu kien jiġbed l-attenzjoni u x'kellu jsir fis-sit. Hu jgħid li is-sit kien *'a bad site to start with and then it improved a hell of a lot ... everything started to get back in order ... it got better and better'*. Ix-xhud għaraf lill imputati. Huwa jgħid li kellu jagħti l-ordni biex ix-xogħol jieqaf peress li s-sit kien fi stat ħażin – fi kliemu stess *'no guard ralis etc. etc.'*. In kontroeżami huwa jgħid li huwa kien jagħmel spezzjonijiet kull ġimgħa qabel ir-rapport indikat hawn fuq u li s-sid kien imqabbad mis-sid Ta' Dernis Properties.

Il-prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-15 ta Settembru tiddikjara li ma kelliex iktar provi xi tressaq. Minn naħa tagħha id-difiża, iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi bħala prinċipju ġenerali, ikun l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, jgħid li biex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Imbagħad **il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, żiedet li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju.

Fi kliem ieħor, sabiex tinsab ħtija il-Qorti tkun trid tqis il-provi miġjuba, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi skont il-provi prodotti, trid tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Biss fil-każ tal-liġi Sussidjarja Kapitolu 424.36 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ikkonfermat mil-Qorti tal Appell Kriminali preseduta mil-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D. fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo k/a Charles Borg** (Appell Nru: 226/2022) deċiża nhar it- 28 ta' Lulju, 2022, wieħed irid iħares lejn ir-regolament 15 li iqiegħed l-oneru tal-prova fuq l-imputat f'dawn il-każijiet:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

**L- Imputazzjonijiet kontra l-imputat**

Illi f'dan il-każ li għandha quddiema, l-Qorti wara li tanalizza l-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni trid tiddeċiedi jekk l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ġewx ippruvati il-henn mid-dubju dettat mir-raġuni.

L-ewwel imputazzjoni hija msejsa fuq is-subinċiż 1 u 2 tal-Artikolu 6 tal Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħidu:

> *"6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
> *Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*
> *Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikularment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta'xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

Minn analiżi tas-subinċiż (1) joħroġ li l-elementi ta' offiża taħt dan l-artikolu jikkonsistu fis-segwenti:

(i) ikun hemm persuna li tħaddem;

(ii) dik il-persuna li tħaddem tkun naqset milli tiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.

L-ewwel proviso jipprovdi li tali offiża tissussisti fil konfront ta' kemm dak li jkun qed iħaddem kif ukoll fil konfront ta' persuna li tqabbad li ħaddieħor biex dan tal-aħħar jagħmel ix-xogħol. It-tieni proviso imbagħad jipprovdi li tali offiża tissussisti minkejja xi nuqqasijiet tal-persuni li jkunu qed jagħmlu x-xogħol.

Is-subinċiż (2) imbagħad jistabbilixxi il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u l-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem.

Dwar **l-ewwel element jiġifieri li ikun hemm persuna li tħaddem** din il-Qorti tibda biex tgħid li mix-xhieda tal-PL Quenten Tanti, jirriżulta ċar il-fatt mhux kontestat li l-imputati huma diretturi tal-kumpanija Att Perform Limited (C74461). Jirriżulta ukoll mix-xhieda ta' Carlo Bartolo a fol. 63 li huwa kien qed jaħdem fis-sit tax-xogħol imsemmi fl-imputazzjonijiet u li kien ilu jaħdem *part-time* hemmhekk għal madwar sena. Għalkemm huwa waqt ix-xhieda tiegħu ma jgħidx ċarament li huwa kien jaħdem mal-imputati, peress li x-xhud kull ma jgħid hu li huwa kien jaħdem fuq struzzjonijiet tal-Forman, ċertu Simon, biss huwa jikkonferma li x-xogħol kien għal-imputati li huwa jindika fl-awla u jsemmi lill Kevin Attard u li l-ieħor li nesa ismu u kunjomu. Jingħad ukoll li meta ġie mitkellem mil-Ispettur tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, l-istess Carlo Bartolo kien qallu li kien jaħdem bħala lavrant fuq bażi *part time* mal-kumpanija Att Perform. Mix-xhieda ta' Norbert Ciappara imbagħad jirriżulta li wara li ngħatawlu d-drittijiet tiegħu Josman Mifsud jistqarr li kien weġġa ħaddiem minn tiegħu fuq il-post tax-xogħol u jagħti d-dettalji tal-inċident kemm lix-xhud kif ukoll lill-pulizija (ara fol. 11 u 52). Għaldaqstant mill-analiżi ta' dan l-ewwel element, jirriżulta ippruvat il-hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, li l-imputati f'isimhom jew bħala diretturi ta' Att Perform Limited kienu qed iħaddmu.

It-tieni element jikkonsisti **fl-obbligu li dik il-persuna li tħaddem tiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem**. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' Norbert Ciappara li jgħid li meta mar fuq is-sit huwa sab xi nuqqasijiet. Huwa jgħid li kellha tiżdied il-*'mid rail'* bħala protezzjoni u kien indika fuq ir-ritratti li kien ippreżenta l-imsemmija nuqqasijiet kif ukoll li l-ilqugħ li kien hemm ma kienx idoneju biex iżomm persuni mill jaqgħu mill-għoli. Dan ix-xhud jgħid ukoll li l-imputati kienu stqarru miegħu li ma kienx sar risk assessment tas-sit, u li huma kienu jħaddmu madwar ħmistax il-persuna. Ix-xhud Wayne Carter ukoll jirreferi għal fatt li s-sit kien impruvja maż-żmien u li ma kienx hemm *guard rails*. Din il-Qorti setgħet ukoll tikkonstata xi nuqqasijiet mir-ritratti a fol. 19, 26 u 31 tal-proċess.

Din il-Qorti għaldaqstant wara li apprezzat bir-reqqa l-provi kollha sabiex tasal għal konklużjoni jekk l-imputati jew il-kumpanija li jirrappreżentaw għamlitx dak li titlob il-liġi sabiex jassiguraw is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li kienu qed iwettqu, issib li fl-isfond tan-nuqqasijiet imsemmija, jirriżultala li m'hemmx dik l-assigurazzjoni. Għaldaqstant hija tqis dan it-tieni element ippruvat.

**Illi għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u għalhekk sejra issib lill-imputati ħatja ta' din l-imputazzjoni.**

It-tieni imputazzjoni hija bbażata fuq is-subinċiż (ċ) u (d) tal-Artikolu 10 tal-Liġi Sussidjarja 424.36 li jgħid:

> *"10. Sabiex ikunu ppreservati s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-kuntratturi għandhom:*
>
> *(a) ma jibdewx xogħol relatat mal-proġett qabel ma' supervisor tal-proġett ikun ġie maħtur mill-klijent skont ir-regolament 3;*
>
> *(b) partikolarment fl-implimentazzjoni tar-regolament 9, jieħdu miżuri li jkunu jaqblu mal-bżonnijiet minimi stabbiliti fl-Iskeda IV;*
>
> *(ċ) jieħdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u sigurtà;*
>
> *(d) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

Din il-Qorti qabel xejn tirreferi għax-xhieda ta' Norbert Ciappara a fol. 12 tal-proċess fejn huwa jgħid li l-imputati stqarrew miegħu li kienu qiegħdin fuq is-sit bħala kuntratturi, peress li dan huwa pre-rekwiżit sabiex tinstab ħtija għal xi nuqqas taħt dan l-artikolu. Ix-xhud Norbert Ciappara jgħid a fol. 13 li l-*project supervisor* kien tqabbad mis-sid u kien biss fl-14 ta' Lulju tal-2020 li l-Awtorità irċeviet rapport dwar is-*safety* tas-sit, u kif din tjiebet. In kontroeżami fil-fatt huwa jikkonferma a fol. 14 li meta tkellem mal-*project surervisor*, Aldo Busuttil, dan ma kienx jaf bl-inċident, u AME Health and Safety kienu għamlu ir-rapport wara. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa r-regolament 15 li jqiegħed l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-imputati. Huma fil-fatt naqsu milli jġibu xi prova kuntrarja għal-dak li qed jiġi imputat lilhom. Għaldaqstant joħroġ ċar ukoll li l-imputati bħala kuntratturi naqsu milli jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, cioé is-sit in kwistjoni.

**Illi għalhekk il-Qorti tqis li t-tieni imputazzjoni kontra l-imputati ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-Liġi fil-kamp kriminali.**

It-tielet imputazzjoni hija bbażata fuq is-subinċiż (1) tal-artikolu 10 li taqra hekk:

*"10.(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża:*

*Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol imwettaq u fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa."*

Fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni din il-Qorti tirreferi għal dak li jgħid ix-xhud Norbert Ciappara a fol. 13 tal-proċess. Dan kien kellem lill-Bartolo fejn dan tal-aħħar stqarr li ħadd ma kien spjegalu ebda risk assessment jew qallu x'perikli jista jiltaqa' magħhom u kif jista jevithom u lanqas kien ingħata xi taħriġ minn Att Perform.

Il-Qorti tagħmel parentesi hawnhekk dwar il-fatt li anke kieku l-istess Carlo Bartolo kien ħaddiem ta' esperjenza, dan xorta kellu jingħata t-taħriġ meħtieġ, u dan hekk kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit) fl-appell numru 317 tal-2017 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Cortis deċiża nhar it-18 ta' Frar, 2020:

*"L-argument tal-appellant li Spiteri kien mgħallem f'dik is-sengħa bi tletin sena esperjenza warajh ma jreġix u dan bil-provi għax minkejja dik l-esperjenza kollha, in konsegwenza għal dan l-inċident huwa korra u miet."*

**Għaldaqstant il-Qorti tqis li t-tielet imputazzjoni kontra l-imputati ġiet ukoll ippruvata sal-grad rikjest mil-Liġi fil-kamp kriminali.**

C. **Deċide**

Għal dawn il-motivi, wara li l-Qorti rat l-Artikolu 6(1) u (2) ta' Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 10(d) tal-Liġi Sussidjarja 424.36 (A.L. 88/2018), u l-artikolu 10(1) tal-Liġi Sussidjarja 424.18 (A.L. 36/03) issib lill-imputati Kevin Attard detentur tal-karta tal-identità bin-numru 468879M, u Josman Mifsud detentur tal-karta tal-identità bin-numru 68198M bħala diretturi ta' Attperform Limited ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil konfront tagħhom u tikkundanhom għal-multa ta' elefejn mitejn u ħamsin Ewro (€2,250) kull wieħed.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**